# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgħa il Cbira u il gimgħa ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu għall'inkas bis sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel tagħlaklu is-sena, jirtabat għal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta tagħlim, ta aħbarijet u ta mogħdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Għakda tal Appostulat tat Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, għall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat Azzopardi (strada santa Lucija numru 89.)

Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EŬŬEL SENA. IT-TLIETA, is-7 TA JANNAR, 1913. Nru. 48.

*Inbiercu b' kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, għax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. Arciskof u Iskof.

## Ras il għajn.

Hecc sejjra id-dinja u ma nafux chif trid tisseŭŭa. Daŭc li ighidulhom *persuni puliti* (nies *tal cappell* jeŭ *tal pinna*, isejjħulhom fir-rħula), f'collox issibhom jifhmu u fuk collox iħobbu jitħadtu, fil cażini, fil ħŭienet, f'li spiżeriji, fit-tramm u il ferrovija, ma tul il passiġġata—cull fejn jiltakgħu. Jafu jitchellmu bl'Ingliż u bit-Taljan, actarx bil Franciż ucoll u il fini nett saħansitra bit-Tedesc; jafu chemm il cheŭcba hemm fis-sema, u x'jisimha cull ŭaħda minnhom, u mita titla u tinżel, u chemm il sena ilu li chixfu dic il cheŭcba u chemm għad iddum ma tidher dic l'oħra; jafu għax jisbaħ u jidlam, għax is-sena fiha 365 ġurnata u imbagħd jibkgħu sitt siegħat żejjda; jafu chemm il suldat għandha ir-Russja, chemm il xiber fiha l'America u chemm il minuta trid biex tifred iċ-Cina minn tarf għal ieħor; jafu chif jaħsbuha il Ministri tal Potenzi collha, u chif sejjra tispiċċa il gŭerra ta bejn it-Toroc u il Bulgri, u chemm il Għarbi fadal fl'intern ta Tripli; jafu jitchellmu, biex ma ntaŭŭlux ŭisk, fuk il Pulitca, fuk il Cummerċ, fuk cull Għerf, fuk cull Letteratura, fuk cull Storja, fuk cull Sengħa, mill'Alfabett sal għôla Filosofija; tajjeb jeŭ ħażin, *iparlaŭ* fuk l'ajru, fuk l'art u fuk il baħar; fuk collox—fuk collox......

U mischin int, jecc ifettillec tgħidilhom li ma jifhmux f'xi ħaġa minn daŭc collha li semmejna u f'ħafna ħŭejjeġ oħra li moħħna ma jatiniex biex insemmuhom collha!

F'ħaġa ŭaħda biss ma jistħux ighidu li huma *injuranti*—injuranti daks il ħafjin, jecc mhux iżjed—fir-Religjon taħħom!

Nghiduħ b'għokla cbira f'kalbna, actarx li fost il Cattolici tad-dinja collha ħadd ma għandu daks il Maltin il *mezzi* u il *cumdità* biex jitgħallem seŭŭa id-dmirijet tiegħu fir-Religjon; u frattant ħadd ma hu l'ura fiħom dakshom. Mhux biss—il *persuni puliti*—ma jafux x'jiġifieri Sacerdot, x'jiġifieri Setgħa tal Iskof, x'jiġifieri Djocesan u Aŭsiljarju, x'jiġifieri Avvent, x'jiġifieri Qŭattrutempra, x'jiġifieri Processjoni, x'jiġifieri Catidral, x'jiġifieri Pasturali, x'jiġifieri Scumunica, x'jiġifieri Dnub pubblicu u privat.... ħŭejjeġ li jistgħu jitgħallmuhom minn fuk ctieb ċchejchen, b'cull ilsien li iħobbu jakraŭ biħ u b'nefka ta sold, f'chemm jitilfu żmien biex jakraŭ articlu ta gażetta. Għarucażal Inkas itic li temmen! Din il gimgħa, stakseŭ lil ŭieħed mill'actar *istruiti u intelligenti fost in-nies tal pinna* jecc ħuħ ordnax Suddjaconu; u ŭiegibhom li ma jistax ighidilhom, għax ma jifhemx!

Imma din l'*injuranza cbira* tad-dmirijet tar-Religjon tidher actar fl'imgieba ħażina tal *persuni puliti* geŭŭa il Cnisja!

Ilu ftit, conna sejjrin nictbu fuk *in-nisa baxxi* (u xi *għôljin* maħħom ucoll!) li, geŭŭa il Cnisja tal Carmnu, cull fil għodu, imma l'actar nhar t'Erbgħa, bil-ktajja, tista tgħid collha chemm huma, jibkgħu bil-kiegħda mis-*Sanctus* sal *Elevazzjoni* (inkas il Papa ma jista jokgħod bil-kiegħda f'dac il ħin tal Kuddiesa!) u ma jinżlux għar-rcopptejhom, jecc ucoll jinżlu suret in-nies, kabel iċ-cencila tal kampiena, (*) b'ħafna ħsejjes tas-siggijet, li ma tismaħħomx geŭŭa Cafè jeŭ Teatrin, sa chemm ikumu minn fukhom; u, imbagħd, is-Sacerdot inkas jilħak ipoġġi il Calci fuk l'Artal, li ma jarġgħux ikumu collha, bi ħsejjes ŭisk acbar, għax ħadd, la xjuħ u la żgħażaħ, la barunissi u la ċaccara, la tfal fuk taħħom u la xebbiet ibiegħu is-saħħa, ħadd ma jissogra jibka għar-rcopptejħ chif in hu xierak u chif imissu sa chemm is-Sacerdot jitkarben bil Gisem (l'Ostja) u bid-Demm (il Calci) ta Sidna Gesù Cristu! Hemm jiġu li scużi collha tad-debbulizzi, tat-tbatija u tal ħass-ħażin!

Imma għal-fejn nitchellmu fuk dan, la in-*nies il baxxi* għandhom l'esempju ħażin mil *puliti*, irgiel u nisa?...

Dħaltu *San-Ġŭann*, l'aħħar lejla tas-sena, għat-*Te Deum*?... Il Cnisja chienet mimlija bin-nies bħal bajda! U x'nies! Imħallfin, Magistrati, Capijet tal Gvern, Professuri tal Università, Conslijet, Curunelli u Fizzjali, Tobba, Avucati, Neguzjanti u cull gens ta Cbarat oħra, ma Dami u Sinjurini tal għôla Società, li jafu chif isellmu lill Gvernatur, chif jerskumagenb il Prinċpijet, chif jokgħodu kuddiem ir-Re! Imma kuddiem Gesù Sagramentat, *espost sollennement biex jirciev il kima tal Cattolici*, kagħdu collha bil-kiegħda, bħalma jokgħdu it-teatru jeŭ f'cażin, bil cunfidenza collha, kuddiem nies ta li stess condizzjon taħħom jeŭ iċchen minnhom!

Għarucaża! Ħadd, mela, ma jaf minn daŭc il mijet ta *persuni puliti*, minn daŭc il ħafna Cbarat ta din id-dinja, li ma jistax jokgħod bil-kiegħda (u inkas l'Iskfijet, il Cardinali u il Papa stess, bl'*Abiti-sagri* jeŭ le, ma jokogħdu) kuddiem is-*Sagrament espost għall'adurazzjoni*?... Ħadd minnhom ma jifhem li, biex nisimgħu il Priedca bil kiegħda, il Cnisja, ħanina, tgħatti is-Sagrament b'velu?... U dan ifisser li, sa chemm ma tgħattiħx, cull-ħadd għandu icun kiegħed għar-rcopptejħ!...

X'għarucaża! X'esempji lill Poplu *iż-żgħir!*

Forsi, tchellimna ftit jebes: forsi, icun haŭn min ighid li irridu nagħmluha ta *Missjunari* mingħajr ma naraŭ xturna: imm'Alla jaf b'liema indafa ta ħsieb u b'liema xeŭka ta kalb tchellimna. G. G.

(*) Ir-Reverendu Dun Ġŭann Gaŭci, D.D., M.A., Cerimonier tad-Djocesi—għad li, din il ħabta, ma nafux għaliex, forsi għax imħabbat, insiena għal collox—chien fisser fil *Habib* li iċ-*cencila* ma ssirx biex in-nies jokgħdu għar-rcopptejhom, għax dan jaħtieġ jagħmluħ kabel, mas-*Sanctus* għall'inkas.

Id-Direzzjoni.

## Il Cungress ta Londra.

(9)

*Il lakgha ta l'Arci-iskof lill Cardinal Vanutelli.*

Dac in-nhar stess li fetaħ il Cungress ta Londra, jigifieri l'Erbgha fil ghaxija, fil Catidral ta Westminster, ŭara li il Cardinal Vanutelli kara l'ittra tal Papa u l'indirizz tieghu; l'Arci-iskof ta Westminster (illum il Cardinal Bourne) jati il *benvenut* lill Cardinal, jigifieri il *merħba-biħ*; ghalhecc ikum u ighidlu daŭna il chelmiet; «Sinjur tieghi Cardinal. Fl'isem tieghi bħala Arci-iskof ta dina il Metropoli (Londra), fl'isem ta ħuti l'Iskfijet ta dina il provincja, tal Cleru u tal fidili collha tal Inghilterra, fil ŭakt li nitchellem ucoll, jecc iħalluni nuri il ħsiebijet li ghandhom f'moħħom, ghal daŭc li huma ħutna fir-razza, fid-demm u fil lsien u li huma haŭnhecc il lejla irrappresentati bil kima, fil ŭakt li jena kieghed ingib ruħi bħala mibghut minn dic is-società actar cbira, illi tinsab imghakkda maghna b'rabta tant kaŭŭija, illi tneħħi cull firda ta nazzjon u ta lsien, irrid nghid jena tal Fidi mkaddsa, jena nati bil kalb collha llil'Eminenza tieghec, il *Merħba-bic* fostna.

Dana il Merħba-bic natiħ l'eŭŭel lil Dac, illi l'Eminenza tieghec hecc bil kima collha tirrappresenta, lill Ŭerriet ta San Pietru, lir-Raghaj universali fuk dina l'art tal Cnisja ta Gesù Cristu, ŭieħidha vera. Aħna nistħajjlu li ninsabu kuddiem il Missier taghna ilcoll, kuddiem il Papa, imħabba fit-talb u il barca tieghu.

Ŭara il Papa natu lilec it tislima taghna, u b'imħabba specjali, il ghaliex inti, Sinjur tieghi Cardinal, chellec tippresiedi fuk dina il migemgha, billi nafu chemm hija addattata il presenza tieghec ghal dana il Cungress tal Eŭcaristija: u chif ħadd ma jista aħjar imexxina fid-deliberazzjonijet taghna, daks chemm l'Eminenzaa tieghec.

Inti, Sinjur tieghi Cardinal, semmejtilna daŭc il ħŭejjeġ specjali, illi fil ŭakt li ighakkdu dana il Cungress mal Cungressi l'oħra ta kablu, iżda dejjem jatu lil dana il Cungress is-sinjali specjali tieghu. Hua att ta fidi dana li sejjrin naghmlu aħna, imma f'li stess ħin ucoll att ta riparazzjoni, bil ħsieb li aħna inpattu ghal dac il cliem collu li intkal bil lsien Ingliz taghna, illi xi uħud kalu bil ħażen, chienu jafu x'in-huma ighidu, u li bosta ictar kaluħ bl'injuranza, ma chienux jafu x'in-huma ighidu, u li jista jiscużahom fid-dnub taħħom, iżda dana il cliem collu serva ta disprezz lis-Sagrament tal Eŭcaristija.

Dana li spirtu ta riparazzjoni meghjun per mezz tal fidi taghna, jinsab illum fil kalb ta cullħadd, u nghakkad ma dana il ferħ tant cbir, illi igharraf din il cbira migemgha, li tibka tissemma, imħabba fil presenza tal Cardinali tal imkaddsa Cnisja Rumana, ta Iskfijet tal Cnisja Cattolica, f'numru tant cbir daks chemm tista tiftaħar li ghandha l'art taghna, jena naħseb li katt ma deher fiż-żmienijet li mghoddija.

U jecc aħna napprofittaŭ-ruħna mil fatt hecc tal faraġ illi id-dmir tal ġustizzja finnies ta pajjiżna ghaleb il preġudizzju, illi chien ke'd jaghmlilhom disonur tant cbir, aħna f'dina l'occażjoni naghmlu użu chemm nistghu minn dana il jedd tal-libertà li nistghu nitchellmu scond ma nemmnu, naghmlu użu minn daŭn id-dimostrazzjonijet pubblici, li iservu ħafna ghall finijet taghna. Ħadd ma ghandu jaħseb li aħna kieghdin naghmlu daŭna il ħŭejjeġ b'xi spirtu ta mibgheda, jeŭ b'xi sentimenti contrarji ghal daŭc illi ma jaħsbux bħalna, jeŭ illi aħna kieghdin naghmlu dana b'xi ħsiebijet fiergha ta ftaħir. *Non nobis, Domine, non nobis, sed nomini Tuo da gloriam.* M'hux lilna, o Sinjur Alla, m'hux lilna ati gloria, imma ll'Isem imkaddes Tieghec,» jecc aħna illum ninsabu capaci li nitchellmu fuk it-tifħir tieghec, u li aħna nistghu ngharrfu lil cullħadd l'imħabba taghna u ir-ringrazzjamenti taghna, ghall'icbar rigal li Inti ħallejtilna.

Mimlijin bil curaġġ mil cliem tieghec collu grazzja, o Sinjur Cardinal tieghi, u ħsiebna fir-Raghaj ta collha chemm hi il Merħla ta Gesù Cristu, li tieghu daŭc il chelmitet stess li inti ghedtilna huma certament l'ecu, aħna natu bidu ghat-talb u ghax-xoghol ta dana il Cungress; u chif inti berictna fl'isem tieghu, hecc aħna ucoll issa nitolbu ll'Alla li ixerred l'isbaħ doni u l'icbar barca fuk dana is-Serv tieghu il Papa illi Hua ghoġbu italla ghall'oghla Ufficcju tal Cnisja tieghu, fil ŭakt li b'kalb ŭaħda u b'vuci ŭaħda, ilcoll flimchien aħna incantaŭ u nitolbu: «Harsu, o Sinjur, u atiħ il ħajja, u biercu fuk dina l'art, u la tħallix li jaka fl'idejn tal ghedeŭŭa tieghu—Hecc icun.»

(*Jissocta*) DUN ANTON VELLA, D.D.
*Cappillan ta ħal Luka.*

## Iskof Protestant.

Ingibu *chelma b'chelma* bil Malti mil gażetta ingliża *The Age*, li toħroġ f'Melbourne, belt tal Aŭstralja:—

«CHIF XI UHUD JIFHMU IR RELIGJON TAHHOM.—Id-Dottur Green, ISKOF PROTESTANT ta Ballarat (belt fil pajjiż ta Vittorja, l'Aŭstralja), chif chien jitchellem il lejl tal ħadd li ghadda (fi ħruġ novembru) fil lakgha ta cull sena fuk li *Schejjel tal ħdud*, geŭŭa il Cnisja ta San Paŭl ta Ballarat t'isfel, faħħar il Cattolici-Romani ghal chemm jaghmlu biex iħarrġu fir-Religjon iż-żghażaħ taħħom. L'Iskof (Protestant) kâl li il Cattolici ighallmu ir-Religjon cull jum f'li schejjel tat-tfal iż-żghar, chif ucoll f'li *Sehejjel ta nhar ta ħadd.* Hu tà gieħ lill Cattolici u kâl li ma jibżax ighidu minn fuk cull pulptu u minn fuk cull palc tal Pajjiż, ghax tasseŭ bil ħrara u b'sacrificcju taħħom huma (il Cattolici) ikanklu it-taghlim tar-Religjon. «San Paŭl—issocta ighid l'Iskof Protestant—ma chienx jitchellem mil Kassisin biss, iżda mill'insara collha, mita kâl li ir-Religjon taħħom ma chienetx iggib ghamil ta ħsara.... Xi nies—baka sejjer ighid—jibnu ir-Religjon taħħom fuk il ħrejjef ta Marì Corelli, ta Joseph Hocking u tas-Sinjura Humphry Word; fil ŭakt li oħrajn jibnuha fuk dac li jakraŭ f'gażetti, mictuba Alla jaf minn min; u oħrajn, fl'aħħar nett, iridu jibnuha fuk daŭc il cotba żghar *(pamphlets)* li jitfghulhom ma ŭiċċhom.» L'Iskof Green ghalak it-taħdita tieghu b'talba lin-nies tal Cnisja tieghu li iħabircu ghall gid tal erŭieħ tat-tfal billi iŭakkfu li *Schejjel tal ħdud.*»

X'taghlima ghażiża ghall *bierdin* fostna u x'dakka ta ħarta ghal *min ċaħad*—imħabba dac li tilef il Ġuda—ir-Religjon Cattolica, li Alla ħanin chien taħ il grazzja jitŭieled u jitrabba fiha! ...

## Ma dûar il Gżira.

Żeŭġ Priedchi oħra bil Malti ta min jistampahom, ghax ma jitilfu xejn ma genb li jistampaŭ bit-Taljan, huma daŭc li ghamlu l'Eccellentissimu Monsinjur Iskof Portelli, haŭn il Belt, fil Cnisja ta Santu Ŭistin, l'eŭŭel tas-sena, u Monsinjur Canonicu Dun Anton Vella, Rettur tas-Seminarju, nhar il ħadd l'ieħor, tas-Sliema, fil Parroċċa— it-tnejn, bħal dic l'oħra ta Dun Giusepp Borġ, il Cap tal *Missjoni il cbira,* ghall'Eŭŭel Kuddiesa sollenni ta Sacerdot ġdid. Daŭc it-tliet Priedchi fihom cullma tista tixtiek biex titghallem titchellem fuk in-nisel, fuk il cobor, fuk is-setgha u fuk il kdusija tas-Sacerdozju Cattolicu: u chiecu ŭieħed jirnexxilu jicsibhom u idommhom ctieb, icun tà opra cbira lil pajjiżu.

—Il poeżija *Malta Il' Ulied taħħa maħbuba,* li ŭeghdna il gimgha l'oħra, icollna inħalluha ghad-dieħla mħabba in-nukkas tal ŭisa.

—F'din il gżira daks ħolka, billi ilcoll nafu il xulxin u il ghira actar taghmel taħħa, ma tistax tfaħħar ŭieħed, ghal-chemm icun ħakku, bla ma tnaffar ħafna: imm'aħna, b'idna fuk kalbna, naghmlu id-dmir taghna u nghidu b'ŭiċċna minn kuddiem li il *Kuddiesa* tas-Sur Mast Giuseppi Carŭana, tas-seŭ scond il *Motu Propriju,* mentri xi oħrajn m'humiex scond il *Motu Propriju* ħlief biċċajt, imissha tinsama fil Cnejjes ta Malta collha, ghax, moħluka mill'eŭŭel chif irid il Papa li tinchiteb il *Mużica tal Cnisja,* issa, imżejjna bl'orchestra, giet opra sabiħa ghal-collox—opra li taghmlilna onur chiecu tigi mismugha fil bliet il cbar ta Barra, fejn in-nies jafu x'jigifieri u iħobbu il *Mużica Sagra.* M'hemmx chelma 'mtennija, m'hemmx *Amen* żejjda, m'hemmx moghdijet tal Orgni minn biċċa ghal oħra, m'hemmx *suli* ta strumenti—tliet minuti il *Kyrie,* tmienja scarsi il *Glorja,* disgha il *Credu,* 25 minuta mużica il *kuddiesa* collha—u, fuk collox, imbaghd, ħsieb ŭieħed ghaddejj dejjem, tefgha ŭaħda mil bidu sal aħħar, *melodija* ghôlja, li tidħol fil kalb, imma biex tiġbidha lejn l'Artal, mhux biex tbeghdha minnu bittlellix ta *motivi profani* Li strumenti, ghalavolja bir-râm collu li titlob orchestra cbira, ma isemmghu katt *nota ozjusa;* u, minsugin flimchien minn id ta Mghallem f'*armonija* sħiħa u moħtara, idommu bħal Orgni cbir li tħossu isaħħrec—bla żarżir, bla tidŭim, bla *ritornelli,* bla *sortiti.* Nifirħu, b'kalbna collha, lis-Sur Mast Corŭana, li, bl'Eŭŭel Kuddiesa tar-Reverendu Patri Anastasi, f'*Santu Ŭistin* tal Belt, żanżan hecc tajjeb is-sena il ġdida: u, ghall gid tieghu u ta pajjiżna, nixtiekulu li bosta oħrajn, fil bliet u fir-rħula, jibdeŭ jifhmu u iħobbu dic il Mużica chif jixirkilha.

—Is-Sur Mast Vassall, ilbieraħ, f'*San Ġŭann,* ghall festa tal Ħamiem (l'Epifanija) samma ucoll Kuddiesa ġdida oħra—*Pasturali*—is-sitta jeŭ is-seba' ŭaħda, jecc mhux iżjed, scond il *Motu Propriju*: u jecc is-Sur Carŭana, Scular tieghu, ħareġ chif ghedna issa, tistghu taħsbu x'irodd is-Sur Mastru: imma fuk dan nitchellmu darb'oħra, biex ma 'ndejjkux il Karrejja taghna b'li stess ħaġa.

—L'Eminentissimu Cardinal Ferrata, Legat tal Papa ghall Cungress Eŭcaristicu li riesak bis-sieghat fukna, raġa chiteb lid-Direttur tal *Habib,* bħala Segretarju tal Camra Pontificja; u tchellem b'kalbu f'idejħ fuk il gibda li ghandu ghall Maltin: imma, kabel ma tcun tressket kuddiem il Cumitat tal Camra Pontificja, ma nistghux ingibu haŭn l'ittra tieghu.

—Nifirħu lis-Sinjuri Henry V. Soler u Manŭeli Galea, Spettur u Sutta-Spettur tal Pulizija, li, daŭn il ġranet, geŭ minn Dublin, il belt il cbira tal Irlanda, fejn marru jitħarrġu fir-rkàkat tas-Servizz taħħom; u, chif dejjem jirnexxielhom il Maltin barra minn Malta, giebu-ruħhom hecc tajjeb u imxeŭ tant fit-taghlim taħħom, li temmu kabel iż-żmien il Cors li marru jaghmlu, billi ħâdu xhur kabel il ħin iċ-certificati li chellhom jieħdu. Is-Sinjuri Soler u Galea huma tnejn mill'actar tad-dehen u mghallmin tajjeb fost l'Ufficcjali tal Polizija: u ma dan nistghu inżidu ucoll li huma, fis-Servizz u barra mis-Servizz, żeŭġ gentlomi.

—Billi il festa tal Premji fis-Seminarju ta Ghaŭdex, li semmejna il gimgha l'oħra, hi

ŭisk ghal kalbna, ghax nixtieku li cull-hadd jifhem chemm hu tal impurtanza dac li Stitut għall Cleru, irridu inżidu malli ghedna li dic il festa saret taħt il presidenza tal Eccellentissimu Iskof Camilleri, onur tal Ordni Agustinjan u tal Gżejjer tagħna; li ir-Rapport fuk it-tagħlim ta ma tul is-sena ghamlu il *Prefett ta li Studju*, li hu ir-Reverendu Canonicu Dun Giusepp Farrugia; li l'innu u l'orchestra geŭ diretti minn Dun Vincenz Bugeja, *Mastru di Cappella* tal Matrici (il Catidral ta Għaŭdex); u li il mużica tal innu, xoghol sabiħ u ħelu tas-Sur Mast Delibero, giet moghtija lis-Seminarju mir-Reverendissimu Monsinjur Farrugia, Vigarju Generali tad-Djocesi ta Għaŭdex u ġaŭhra mill'actar prezzjusi fil curuna tal ghorrief taż-żeŭġ Gżejjer. Narġghu, mela, nifirħu lill Canonicu Lettur Dun Fons Hili, Rettur ta dac is-Seminarju, u nixtiekulu mit sena ghomor ghall gid tal Cnisja u tal Patrja.

—Nhar il ħamis li għadda, Monsinjur Arci-Iskof mar iżur il Presepju-Eŭcaristicu ta ħal Kormi u faħħar ŭisk l'Arti cbira li biha ħadmu ir-Reverendu Canonicu-Onurarju Dun Ġŭann Porsella, P. E. P.

—Niżżu-ħajr lis-Sur Salv Mifsud li ried jibgħatilna côpja tal poeżija mictuba minnu għall Cappillân ta ħal Lija, fil festa li semmejna f'dan il *Habib* stess; u nifirħulu ħafna għaliha, għax, tajjba fil kies u fit-taksim tal versi, ħaġa li sicŭit naraŭ nieksa f'min iridha ta xi ħaġa cbira, għoġbitna ucoll fil ħsieb u fil lsien taħħa.

—Fraħna tas-seŭ mita is-Sur Fontana, nhar il gimgħa li għaddiet, ħabbrilna li it-tkankila tal *Habib* ma marretx fil fieraħ, ghax is-Sjed tas-Saluni il cbar tal Belt ftehmu bejniethom li jibdeŭ iħarsu il ħdud missiegħa il kuddiem, chif, difatti, ilbieraħ tl'ura għalku collha dac il ħin: u m'hux biċ-ċajt, imma b'*obbligazzjoni* mictuba minn Legali u iffirmata minnhom, taħt piena ta ħames liri cull darba li tinchiser, għal tliet snin sħaħ. Fraħna tas-seŭ u inbiercu il ftit xoghol li ghamilna biex din il ħaġa tirnexxi, chif, bil ghajnuna t'Alla, irnexxiet.

—L'articoli tas-Sur Micallef-Goggi, tal Bie-dja u ta *E. F* għal gimgħa oħra, chif ucoll il poeżija tas-Sur Giuseppi Micallef (biċċa xoghol biċ ċoffi). Jinsabu l'erbgħa diġà maħ-duma: imma il ŭisa daħac bina.

## L'EŬŬEL TAS-SENA.

Sbieħ l'eŭŭel ta Jannar, ktajja ta tfâl tilmaħħom minn cmieni iduru mat-torok seŭ fl'ibliêt u seŭ fir-rħula, b'caxxetta żghira tal għuda f'idejhom.

Cull tifel li iħabbat ŭiċċu miegħec, ŭakt li jixtieklec is-*Sena it-tajjba*, jitolboc strina, billi jibda ferħan iċeċċec il caxxa li icun fiha xi ftit tlietiêt u sittiêt, u minn għaliħ għandu xi dinja.

Illi jatu li Strina lit-tfal u lill kaddejja tad-dâr fl'eŭŭel jum tas-sena il ġdida, hi draŭŭa magħrufa biż-żejjed fil Gżira tagħna, u gejja minn żmenijet ilu.

Ir-Rumani pagani, li għaxu kabel Cristu, chienu mdorrijin jatu li strina fl'eŭŭel tas-sena lit-tfâl u lil daŭc collha li jakduhom, bħala turija ta kima lil Gianu (alla tas-sena, b'żeŭġt uċuħ, mŭeġġaħ l'actar f'dan ix-xahar ta Jannar); u li ŭieħed jati li strina nhar is-sena il ġdida, chien dmîr kaŭŭi f'cullħadd bħala gieħ u foħrija u tiżżija ta ħajr lill'allàt foloz scond il ligijet ta dac iż-żmien.

Din id-draŭŭa, l'eŭlenin Rumani ma naksu katt minnha, u għożżeŭha b'rekka cbira. Rômlu (l'eŭŭel Sultan ta Ruma) u Tazju (Sultan tal Qŭirini), 745 sena kabel Cristu, ħarġu ligi u riedu li ta cull sena mal ħaraġ u il għejxur l'oħra li jintraddu, tingieb ucoll u tintgħata lilhom il benganvilla, bħallichiecu biex juruhom li jixtiekulhom is-sèna it-tajjba.

Taċtu (a) isemmi fuk mita l'imperatur Tiberju (b) dakk bandu, illi biħ ħadd ma chien jista jitlob jeŭ jati li strina, chemm il darba din ma chienetx tcun fl'eŭŭel ta Jannat, jum li fiħ il għônja u il cbarât tas-saltna chienu igibu u ineŭŭlu il ħaraġ lill'Imperatur; u jecc mhux lil dan (mita ma jinzertax f'pajjiżu) jieħduhom fil cnisja ta Giovi Capitolinu. (c)

***

Għandna draŭŭa oħra f'xi uħud mir-rħula tagħna: u din hi li bosta rgiel joħorġu chiscnijet ixerrdu il gîr fuk il għatiebi tad-djar, sbieħ l'eŭŭel tas-sena, bħala turija li jixtiekulhom is-sena it-tajjba. Iżda, għal-chemm kallebt ħafna cotba u staksejt lil bosta ghorrief maltin u barranin ucoll, katt ma stajt nsib jeŭ nakbad tarf ta land biex incun nâf chif, mnejn u mita bdiet din id-draŭŭa li jitfgħu il gîr dac in-nhar fuk il għatiebi.

Isiru żjarât, chif ucoll jinbagħtu, f'daŭn il ġranet, ruxxmata *biljetti tal vista* bil ħala, l'actar bejn l'għônja u l'aħjar nies li jistgħu.

***

Ta min ifaħħarhom huma, iva, daŭc in-nies li biex jeħilsu minn ħafna xoghol u taħbit ta moħħ, jatu f'lôc il *biljett taż-żjara*, *sixpens* lix-Xirca ta San Vincenz ta Paŭla għall bżonnijet ta min hu fil għacs, għaliex b'hecc il gîd cbir li jagħmlu, Alla ŭaħdu jafu. Il *Gazzetta di Malta*, il *Malta Herald*, u id-*Daily Malta Chronicle* igibu ta cull sena l'ismijet ta daŭc li igħinu il fokra b'din l'imgiba għażiża li kiegħdin insemmu; u għalhecc ebda maħluk tad-dinja ma icun jista ilumhom li jeŭŭilla naksu minn dmirhom ta ħbeberija, jeŭ inclilè mil kima li jaħtiegilhom iroddu lil min jaħchem fukhom.

***

Tal-banda tarahom joħorġulec ktajja-ktajja idokku ŭara l'ibŭieb sa minn xi jumejn kabel li Strina, chif ucoll nharha, għalbiex lin-nies jatuhom u jixtiekulhom is-sena it-tajjba.

X'uħud minn daŭn iddakkaka kajla jit-ŭarrbu minn ŭara biebec, kàbel ma tilgħabil-hom f'kiegh idhom xi ħaġa taż-żgħar, bħala ħlàs ta chemm, imsejcnin, icunu ilhom iżengru.

DUN GIUŻEPP FARRUGIA, *Cappillan.*

———

(a) Taċtu—ŭieħed mil ghorrief li chitbu li Storja tal Latini. L'imsejchen katluħ għal għar-rieda imħabba il misħuta għira, b'dak-ka ta sejf ġo nofs kalbu, dŭar is-sèna 134.

(b) Tiberju—laħak imperatur ta Ruma ŭara il meŭt ta Cesri Aŭgustu.

(c) Cnisja tal allàt foloz, mibnija b'kima lill Giovi. Tigi fuk kuċċata ta ŭaħda mil għoljet ta Ruma.

# Chitbulna:—

Nhar l'erbgħa, l'eŭŭel tas-sena, fuk iz-zuntier tal Cnisja tal Parroċċa ta ħal-Lija, saret lakgħa bejn il Cleru u in-nies ta li stess Raħal li bħalha ftit saru. Iz-zelanti u esemplari Sacerdoti Don Bascal Grech u Dun Anġ Fenech ħadu ħsieb li jiġbru somma flus mil Cleru u mil Poplu sabiex iħallu tifchira ta kima u riconoxenza lill Cappillan taħħom Dun Matteŭ Cortis, D.D, li giè magħżul Arcipret tal Catidral kabel ma jinfired minnhom. Dan il ħsieb irnexxiel-hom tas-seŭ, għaliex hecc chif l'imsemmija denji Sacerdoti bdeŭ juru it-talba taħħom mictuba lin-nies, cull-ħadd tà mill'aħjar li sata, Cleru, Circoli, Cażini, Poplu; u hecc malajr irnexxielhom jixtru Salib tad-deheb bil lazz ta Canôncu, imkiegħed f'caxxa tal cheŭba infurrata bil plaxx, u fiha piancja tal fidda bl'iscrizzjoni: *Il Cleru u il Poplu ta ħal Lija, b'sinjal ta imħabba u riconoscenza.* Il caxxa bis-salib giet mogħtija lill'imsemmi Cappillan f'li Strina, fuk iz-zuntier, mis-Sacerdot Dun Anġ, kalb id-dakk tal Banda ta li stess Raħal u ŭara li Dun Bascal kralu dan l'indirizz:

«Lis-Sur Cappillan, Duttur fis-Sagra Teologija,
Dun Matteŭ Cortis, magħżul Arcipriet
tal Cnisja Catidrali ta Malta.

«Sur Cappillan,

«Aħna, Cleru u Poplu tal Parroċċa ta ħal Lija, miġburin dan il jum għażiż ma dŭar dan it-Tempju imkaddes, taħt it-titlu ta Gesù Trasfigurat, collna ferħanin nidħru kuddiemec, Ragħaj l'iżjed fidil u tajjeb, sabiex nuruc ir-rispett, l'imħabba u ir-riconoxenza tagħna, li għal erbgħa u għoxrin sena sħaħ għaraft tmexxina hecc tajjeb u sabiħ, issa bl'esempji tajjba tiegħec, issa bit-tagħlim, issa b'dac collu li jinħtieġ, sabiex minn xtieli l'iżjed żgħar tcabbarna siġar ta gid u frott mill'actar.

«Ferħanin, iva, għal grad mill'akŭa li il Provvidenza tal Cbir Alla għoġobha tgħollic fiħ bħala ħlas li ŭisk jistħokk lill ħedma tiegħec f'din il għażiża parroċċa ta ħal Lija, grad, irridu ngħidu aħna, ta Cappillan-Arcipriet tal Cnisja Catidrali ta Malta; imma xejn inkas iddispjacjuti għall firda tiegħec minn'na u minn din il Cnisja li fic tagħraf benefattur l'iżjed cbir.

«Iżda, ma 'rridux lè aħna bil cliem tagħna innaksu ix-xeŭka tiegħec, u għal-hecc ġà la darba ftit huma il ġranet li fadal sabiex naraŭc mifrud minn'na u mgħolli Arcipriet tal Cnisja Catidrali ta Malta, nitolbuc għal-l'inkas li, kabel tŭarrab minn haŭn, lilna tfarraġ, billi f'li stess ħin tibka titlob lil'Alla għalina, għall għażla ta Ragħaj tajjeb li jissocta l'opra tiegħec, gid ta ruħna u ta gisimna; dana collu nitolbuc tŭegħedna, bħalma Gesù kabel ittajjar lejn is-Sema ŭiegħed lill'Appostli maħbuba tiegħu, imbicchija għal dic il firda minnu, li malajr chellu jibgħat li Spirtu is-Santu, sabiex lilhom ihenni u imexxi f'cull-ma icunu jaħtieġu.

«Iżda, bħala ulied ħal Lija, aħna ucoll ulied Malta, u għalhecc xejn ma irridu incunu ankas minn missierijetna, li, għal-chemm barbari, (*) marru juru kima u rispett lejn il cbir Appostlu Paŭlu, mita giè biex minn-hom jinfired u jitlak minn Malta, billi lilu offreŭ dac collu li chien jaħtieġlu għall viaġġ, hecc iva u xejn inkas aħna irridu nagħmlu

———

(*) Jaħfrilna min chiteb dan l'*Indirizz*, mil bkija magħmul bi ħsieb kaddis u ħiereġ mil kalb, chif jixrak lil dac ir-Ragħaj tajjeb li aħna dejjem chellna għaliħ kima cbira u lill Poplu *religjus* u *civilizzat* ta ħal Lija, jecc aħna ngħidulu li katt ma messha tiżloklu li *Missierijetna chienu barbari*. Mit darba conna sejjrin inħassru daŭc il chelmiet mill'*Indirizz* biex ma jid-ħrux stampati; u, imħabba fihom, conna sejjrin ucoll ma ngibu xejn l'*Indirizz* collu. Le: Missierijetna, mita giè San Paŭl Malta, ma chienux *barbari*, jigifieri *slavaġ*, anzi għal dac iż-żmien chienu *civilizzati ħafna*! Jakra min chiteb l'*Indirizz* x'kâlu fuk dan, fost bosta oħrajn, il Vassalli, fil *Mylsen Phoenico-Punicum, sive Gramatica Melitensis*—Patri Curci, fil *Nuovo Testamento con note esegetiche e morali*—l'Imħallef Debonu, fil *Breve Compendio della Storia di Malta*—u li stess CORNELIUS A LAPIDE!—Li chien għadu ħajj (Alla jatiħ il Genna) is-Sur Preca—gieħ u żina ta ħal Lija—daŭc il chelmiet actarx ma chienux jiżolku!

ID-DIREZJONI.

